# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI, B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 15 ta' Jannar, 2001**

**Numru 14**

**Rikors Nru. 350/73**

**Salvina u Emmanuele konjugi Vella u, b'digriet tat-2 ta' Marzu, 1990, stante l-mewt ta' Emmanuele Vella, l-atti gew trasfuzi fil-persuna ta' Marianne, Joseph, Rita Farrugia u Rose Mary Caruana, ahwa Vella.**

**vs**

**Mary mart John Bezzina minnu assistita u l-istess John Bezzina bhala amministratur tal-beni parafernali ta' martu, u b'digriet tas-6 ta' Ottubru, 2000, stante l-mewt tal-konjugi, l-atti gew trasfuzi f'isem uliedhom Gloria mart Pierre Zammit u Joyce mart Manwel Borg.**

**<u>Ir-rikors promutur</u>**

L-atturi f'din il-kawza ghamlu l-prezenti rikors fl-atti ta' din il-kawza finalment deciza b'sentenza taghha tas-7 ta' Ottubru, 1997:-

"Illi l-kawza fuq imsemmija deciza minn din l-Onorabbli Qorti fis-7 ta' Ottubru, 1997;

Illi, fil-korp ta' l-imsemmija sentenza, intuzaw frazijiet, senjatament il-frazijiet "hdax-il pied u nofs mill-bitha" u "hdax-il filata mill-bitha" illi bis-sahha taghhom gew oskurati l-parametri rejali tal-vertenza relativa ghad-delimitazzjoni tar-rispettivi proprjetajiet tal-kontendenti;

Illi, f'diversi dokumenti hawn that riferiti u li jinsabu fl-atti tal-kawza, jidher evidenti li l-frazi korretta hija "hdax-il filata u nofs mill-ewwel branka tat-tarag bi dhul min-numru sitta u tletin (36)";

(a) fil-kuntratt ta' divizjoni tas-7 ta' Frar, 1967, in atti Nutar Vincenzo Maria Pellegrini (Dok FXS a fol. 203 sa 211 tal-process);

(b) fil-Relazzjoni Peritali (a fol. 116 sa 117 tal-process);

(c) fis-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti tas-27 ta' Novembru, 1972 (Dok A a fol 192 sa 202 tal-process);

(d) fir-Relazzjoni tal-Periti Addizzjonali (a fol. 251 sa 262 al-process) partikolarment fil-paragrafi 10 (a fol. 255), 24 u 25 (a fol. 261) taghha;

(e) it-tieni twegiba annotata tal-Periti Addizzjonali eskussi (a fol. 278 tal-process);

(f) it-twegiba moghtija mill-Periti Addizzjonali fl-eskussjoni orali maghmula lilhom fl-udjenza tat-22 ta' April, 1994 (a fol. 288 tal-process); u

(g) kif ukoll fin-Nota ta' Osservazzjonijiet tal-konvenuti nfushom (a fol 228 tal-process);

Illi, minhabba dan il-fatt, qieghed jinholoq disgwid li, a kawza tieghu, l-esponenti qeghdin jigu mfixklin milli jirrendu l-imsemmija sentenza esegwibbli;

Ghaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett, ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u ta' l-artikolu 825 (1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizza li kull fejn tirrikorri fl-imsemmija sentenza taghha precitata l-frazi "hdax-il pied u nofs mill-bitha" jew il-frazi "hdax-il filata mill-bitha" dawn jigu sostitwiti u korretti bil-frazi "hdax-il filata u nofs mill-ewwel

branka tat-tarag bi dhul min-numru min-numru sitta u tletin (36)", kif indikat fl-att nutarili ta' divizjoni fuq imsemmi, u dan that dawk il-provvedimenti li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni".

**Risposta**

Il-konvenuta Mary mart John Bezzina opponiet ghall-korrezzjoni mitluba billi t-talba kienet espressament bazata fuq l-artikolu 825 (1) tal-Kap 12. Dak l-artikolu ma kienx japplika ghall-kaz taht ezami billi kien japplika unikament ghal zball ta' kalkolu, u cioe', kalkolu matematiku.

**Digriet**

B'digriet tal-11 ta' Marzu, 1999, din il-Qorti, billi dehrilha li l-mertu tar-rikors kellu jigi ulterjorment kjarifikat, awtorizzat lill-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet ulterjuri dwaru. Il-konvenuta Bezzina ssottomettiet illi dak mitlub mill-atturi kien effettivament addizzjoni u mhux korrezzjoni. Tali addizzjoni zgur ma kienetx permessa a bazi ta' l-artikolu 825 (1) u (2) u konsegwentement, t-talba tar-rikorrent ma tistax tigi milqugha. Wara li r-rikors promotur kien gie trattat, fit-12 ta' Mejju, 1999, din il-Qorti dehrilha utli li tisma' mill-gdid lill-Perit Edwin Calleja, li kien originarjament irrelata bhala Perit nominat mill-Qorti, biex dan ikun jista' jikkjarifika d-divergenza li nqalghet bejn il-kontendenti fir-rigward ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza, dwar liema katusi kellhom jigu rimossi u minn

liema gholi kellhom jinghaddu l-filati msemmija fis-sentenza li ghaddiet in gudikat.

**Relazzjoni ulterjuri**

L-A.I.C. Edwin Calleja kien f'posizzjoni jirrelata wara li zamm access fil-prezenza tal-partijiet assistiti, fit-2 ta' Settembru, 1999, u hekk allura irrelata ulterjorment:-

> "Fl-ahhar seduta ta' din l-Onorabbli Qorti, l-esponent gie minnha awtorizzat sabiex jaccedi fuq il-fond de quo sabiex b'hekk ikun jista' jirrelata dwar il-kwistjoni ta' minn liema punt ghandu jitqies l-gholi ta' hdax-il filata u nofs li jorbot il-konfini bejn il-proprjetajiet tal-partijiet rispettivi;
>
> Ghal dan il-ghan, inzamm access nhar il-Hamis, 2 ta' Settembru, 1999, fit-8 a.m. prezenti l-partijiet assistiti mid-difensuri taghhom u l-esponent;
>
> Mill-verifiki li ghamel l-esponent jinsab f'qaghda li jirrelata dan li gej:-
>
> Fuq l-ewwel branka tat-tarag li minnha ghandu jittiehed l-gholi ta' hdax-il filata u nofs, tinsab tieqa li, mit-tromba tat-tarag, taghti ghall-bitha, ossija setah, tal-fond.
>
> Din it-tieqa ghandha s-soll taghha kwazi ezatt mal-paviment tas-setah, liema soll qieghed gholi ta' sitt filati u nofs cirka minn wicc il-landing ta' l-ewwel branka tat-tarag. Riferenza ritratt Dok A.
>
> Sabiex jintlahaq l-gholi kumplessiv ta' hdax-il filata u nofs min-naha tas-setah, wiehed irid ghalhekk izid il-bqija ta' hames filati minn wicc l-istess setah mal-faccata tal-hajt tat-tieqa fuq imsemmija. Dan l-gholi jiddemarka l-estensjoni sa fejn il-bini ta' taht, cioe' dak ta' l-atturi, jista' jinbena. Minn hawn 'il fuq tibda l-proprjeta' tal-konvenjuti. Riferenza ritratt Dok. B.

> Tant ghandu l-unur jissottometti ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti l-esponent".

L-A.I.C. Calleja imsejjah mill-Qorti kompla jelabora illi:- "niccara illi fejn saret riferenza (fir-relazzjoni ulterjuri) ghall-bitha mill-partijiet, jiena fir-relazzjoni tieghi ndikajt li hu setah ghax l-ambjent intiz ghal din il-funzjoni. Fil-fatt dan is-setah hu t-tisqif tal-ground floor. L-unika bitha li hemm fil-fond hi f'livell ta' ground floor ferm aktar fil-baxx".

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

Ezami ta' l-atti fid-dawl tal-kostatazzjonijiet li ghamel il-Perit Tekniku fir-relazzjoni ulterjuri, jindika bla ebda dubju l-fondatezza tat-talba tar-rikorrent fir-rikors promotur tieghu ta' l-1 ta' Frar, 1999. Qari tas-sentenza appellata ma jista' jhalli ebda dubju dwar x'kienet id-decizjoni tal-Qorti li ghaddiet in gudikat u liema jeddijiet ta' l-atturi kienu gew biha definiti. Il-kwistjoni li jidher li qamet bejn il-kontendenti tirrigwarda aktar id-deskrizzjoni materjali ta' dan id-dritt milli l-konsistenza sostanzjali tieghu. Jekk kien hemm xi dubju rejali jew immaginarju, genwin jew m'huwiex, dana certament tnehha bil-kjarifika tal-Perit Tekniku mill-Qorti nnominat, kif ulterjorment elabora quddiem din il-Qorti fir-relazzjoni ulterjuri tieghu.

It-talba tar-rikorrent hi allura intiza, fil-fehma ta' din il-Qorti, mhux biex tvarja b'xi mod il-mertu tad-decizjoni appellata, imma biss biex tassigura l-ezekuzzjoni ta' dak li gie bis-sentenza finali tal-Qorti deciz.

Minn dan l-aspett jidher li t-talba tar-rikorrent tista' wkoll titqies li tinkwadra ruhha fil-parametri ta' l-artikolu 272 tal-Kap 12, li jiddisponi li "fin-nuqqas ta' disposizzjoni espressa fil-ligi li tghid il-kontra, il-Qorti tista', <u>matul l-esekuzzjoni tas-sentenza</u>, fuq rikors tal-Marixxall jew <u>tal-partijiet</u>, jew ta' persuna interessata ohra, bla ma ddewwem l-esekuzzjoni, taghti dawk il-provvedimenti li jkunu mehtiega sabiex tqieghed fiz-zgur il-jeddijiet tal-partijiet.

Din il-Qorti qeghdha allura b'dan id-digriet li bih qed tilqa' t-talba tar-rikorrenti kif dedotta, tassigura li l-esekuzzjoni tas-sentenza taghha tkun preciza inkwantu l-katusi li jigu imnehhija kif minnha ordnat jkun propju dak li ghalihom is-sentenza definittiva tirreferi. Tenut kont ta' dini l-konsiderazzjoni ssir imbaghad ghal kollox superfluwa l-konsiderazzjoni ulterjuri ta' l-artikolu 825 tal-Kap 12, li fuqu r-rikorrenti ibbazaw it-talba taghhom. Artikolu li jista' wkoll ikun applikabbli ghall-kaz that ezami imma li, fir-rigward tieghu, il-konvenuta avanzat oggezzjonjiet li jistghu ikunu legittimi. Billi t-talba proposta mhux necessarjament tkun tiddependi mill-kawzali avanzata mir-rikorrent, din il-Qorti ma jidhrilhiex utli li tindaga ulterjorment dan l-aspett tal-kwistjoni.

Ghal dawn il-motivi t-talba tar-rikorrenti kif kontenuta fir-rikors ta' l-1 ta' Frar, 1999, qed tigi milqugha bhala mehtiega biex tassigura l-esekuzzjoni tas-sentenza. Dana billi l-korrezzjoni mitluba ma tbiddel assolutament xejn mid-decide tas-sentenza izda ticcara biss kif kellha tigi ezegwita. F'dan ir-rigward ma kellhiex allura titqies lanqas li kienet korrezzjoni ta' l-istess sentenza fis-sens sostanzjali tal-kelma. Kull parti kellha tbati l-ispejjez ta' dan l-incident.

Dep/Reg

mm